MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Numru. 1194/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Caroline Fabri)**

**vs**

**Mahdi Mohamed M Mahdi**

**Kumpilazzjoni Nru: 1194/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mahdi Mohamed M Mahdi, ta' 31 sena, bin Mohammed Mustafa Mahdi u Fatima nee' Elxbery, imwieled Tripoli Libya fit-18 ta' Frar 1983, residenti gewwa Centru Miftuh, Hal Far, limiti taz-Zurrieq u detentur ta' numru ta' referenza 18137/14 hekk kif moghti lilu mill-Kummissjoni Refugjati Malta.

Akkuzat talli:-

1. Fit-28 ta' Novembru, 2014 ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' filghaxija (21.45hrs) minn Triq San Gorg, Paceville, ikkommetta serq ta' handbag, liema ammont jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37)
   ghad-detriment ta' Christine Calleja, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi renda ruhu komplici fl-attentat delitt maghmul minn Mufta Walid Bin meta xjentament, ghenu jew assistih sabiex id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat jew xewxu, inmella sahhet il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghdu li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew jikkompansah.

3. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanza volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, liema ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri l-mitejn u hamsin ewro (€250).

Rat l-artikoli 41(1)(a), 42(d), 261(c)(f), 267, 270 u 351(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li waqt l-istess udjenza l-ufficjal prosekutur irtirat l-ewwel imputazzjoni.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta t-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-prosekuzzjoni rtirat l-ewwel imputazzjoni; il-procediment fir-rigward ta' din l-imputazzjoni ghalhekk huwa ezawriet.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-fedina penali netta tieghu u l-ammissjoni ghalkemm f'dan l-istadju tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 42(d), 261(c)(f), 267, 270 u 351(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjopdu ta' tlett (3) snin; in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien tlett xhur ihallas lill-parte leza, il-Kummissarju tal-Pulizja, is-somma ta' tmienja u tlettin Euro (€38.00).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------